

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 660/2011

tad-9 ta' Ġunju 2011

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll maqbul bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim ta' Sħubija"),
- (2) Fit-22 ta' Diċembru 2010 ġie inizjalat protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll il-ġdid"). Il-Protokoll il-ġdid jagħti lill-bastimenti tal-UE opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li fihom il-Kap Verde teżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħha fuq is-sajd.
- (3) Fid-9 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/405/UE ⁽²⁾ dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll il-ġdid.
- (4) Huwa importanti li jkun iddefinit il-mod li bih jiġu allokat i l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri għal matul il-perijodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid.
- (5) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitatijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti tal-pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità ⁽³⁾, f'każ li l-opportunitajiet ta' sajd allokat i lill-Unjoni skont il-Protokoll ma jkunux użati totalment, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati. In-nuqqas ta' tweġiba sal-iskadenza stabbilita

mill-Kunsill għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perijodu kkunsidrat. Jeħtieġ li din l-iskadenza tkun stabbilita.

- (6) Billi l-Protokoll fis-seħħ jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2011, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u japplika mill-1 ta' Settembru 2011,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-possibiltajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll maqbul bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jiġu allokat i kif ġej bejn l-Istati Membri:

- (a) Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun

Spanja 16-il bastiment

Franza 12-il bastiment;

- (b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

Spanja 26-il bastiment

Portugall 9 bastimenti;

- (c) Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlif

Spanja 7 bastimenti

Franza 4 bastimenti.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde.

⁽¹⁾ ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

3. Jekk it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra t-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

L-iskadenza msemmija fl-Artikolu 10(1) ta' dak ir-Regolament għandha tiġi stabbilita għal għaxart ijiem ta' xogħol.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ġunju 2011.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.
